IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 02

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 17 ta' April 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 01**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G01 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 01

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 01**

2.01 6.00 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona sabiex is-Seduta tal-Kunsill tibda issir kull l-aħħar Tlieta tax-xahar u dan sakemm l-eżiġenzi ma jitolbux mod ieħor. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Punti li joħorġu mill-Minuti G 01


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

** Il-Kunsillier Nazju Cassar u l-Kunsillier Antoine Borg daħħlu għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija

**Sospensjoni tal-laqgħa**

Is-Sindku Charles Azzopardi talab is-sospensjoni tal-laqgħa sabiex jiġi diskuss *item* 7 fuq l-aġenda. Huwa talab lill-*accountant* is-Sur Paul Bugeja sabiex jagħti spjega tal-*Quarterly Financial Report* (Ottubru – Diċembru). Sospensjoni tal-laqgħa

Wara dan, il-kamra irritornat lura għas-seduta u tkompliet l-aġenda b'*item* 7

**7.00** ***Quarterly Financial Statements (Oct – Dec)***

7.01 Wara diskussjoni li saret dwar il-finanzi, il-Kunsillier Antoine Borg ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nefqa kbira li kien hemm fil-*public property*. *Quarterly Financial Statements (Oct – Dec)*

Is-Sindku Charles ippropona li l-*Quarterly Financial Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Kopja ta' dawn il-*Quarterly Financial Statements* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**3.00** **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill komunikazzjoni minn *ESCO Micros Limited,* fejn infurmat li qed tirtira mis-servizz mogħti skont kwotazzjoni Q/0073/11 minħabba l-kunflitt ta' interess li nħoloq permezz tal-ħatra tas-Sur Andew Mallia bħala Kunsillier. Komunikazzjoni minn *ESCO Micros Limited*

3.02 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill komunikazzjoni li s-Segretarju Eżekuttiv kellha mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħidma tagħha fil-Kumitati Amministrattivi. Talba mis-Segretarju Eżekuttiv

Id-Dipartiment ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex minhabba cirkostanzi familjari tkun tista' tiddelega b'mod temporanju t-teħid tal-minuti tal-laqgħat lill-Assistent Prinċipali fl-istess Kunsill.

Fuq proposta tal-Kunsillier Nazju Cassar u ssekondata mill-Kunsillier Paul Grech, il-Kunsill qabel unanimament.

3.03 Is-Sindku ppropona li l-Viċi Sindku Doris Coleiro tkun s-sostitut tiegħu fil-laqgħat tar-Reġjun tat-Tramuntana. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill qabel unanimament Rappreżentanza fil-laqgħat tar-Reġjun tat-Tramuntana

**4.00** **Assenjazzjoni tar-Responsabbiltajiet lill-Kunsilliera**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ressaq il-lista ta' Responsabbilitajiet ta' kull Assenjazzjoni tar-

Kunsillier fis-Seba' Kunsill. Responsabbiltajiet lill-Kunsilliera

**Is-Sindku Charles Azzopardi**
Infrastruttura; Finanzi; Ordni Pubblika; Transport; Proġetti Kapitali; Kultura; Pubblikazzjoni r-Rabta.

**L-Viċi Sindku Doris Coleiro**
Anzjani; Saħħa; Impenn Soċjali; Koordinatur Proġetti Ewropej.

**Il-Kunsillier Antoine Borg**
Għaqdiet fir-Rabat

**Il-Kunsillier Nazju Cassar**
*Playing Fields*; Koordinatur Infrastruttura

**Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi**
Ambjent Urban; Sports

**Il-Kunsillier Paul Grech**
Baħrija u l-madwar; Bozoz

**Il-Kunsillier Andrew Mallia**
Edukazzjoni; Taħriġ

**Il-Kunsillier Ian Vassallo**
Żgħażagħ

**Il-Kunsillier Stephen Borg**
Koordinatur Jum ir-Rabat; Ġemellaġġi

**5.00 Ħatra tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni**

5.01 Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil unananimu li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni ikun iffurmat kif ġej: Ħatra tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni

**Iċ-Ċerpersin: Is-Sindku Charles Azzopardi**
**Evalwatur: Il-Viċi Sindku Doris Coleiro**
**Evalwatur: Il-Kunsillier Antoine Borg**
**Evalwatur: Il-Kunsillier Nazju Cassar**
**Evalwatur: Il-Kunsillier Paul Grech**

**6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-pagament bin-numru 5497 dovut lil-*1st Rabat Scout Group*. Hi nfurmat il-laqgħa li dan il-pagament ta' €1,100 huwa dovut lill-*1st Rabat Scout Group* għall-użu mill-propjetà tagħhom għad-*Day Centre* tal-anzjani, wara ftehim li kien intlaħaq magħhom li jmur lura għas-sena 2011. Pagament numru 5497

| | | |
|---|---|---|
| 6.02 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 219 u 220 jigu approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament | L-iskeda tal-ħlasijiet numru 219 u 220 |
| 6.03 | Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ammont ta' €20 bħala ħlas annwali għas-sena 2013 lill-Performance Rights Society. | Ħlas għas-sena 2013 lil Performance Rights Society |
| 6.04 | Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ammont ta' €23.29 bħala ħlas annwali lill-Kummissarju tal-Informazzjoni u *Data Protection.* | Ħlas Lulju 2012 – Lulju 2013 lill-IDPC |
| 6.05 | Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura bħal kull sena kienet ser terġa' torganizza l-wirja annwali tagħha bl-isem *The Great Spring Show* fil-ġonna ta' San Anton. Huwa kompla li din l-għaqda kienet qed titlob is-sehem tal-kunsill f'din il-wirja billi jagħmel qoffa irranġata bi ħxejjex ta' ikel u frott, li wara l-wirja dawn il-prodotti se jkunu mogħtija donazzjoni lir-*Richmond Foundation*. L-ispiża għal din il-qoffa ser tkun ta' €28. Il-Kunsill qabel unanimament li jieħu sehem f'din il-wirja. | Talba mill-Għaqda Maltija tal-Ortikultura |
| **8.00** | **Approvazzjoni għat-tibdil tar-rappreżentant legali tal-proġett *Archaeotur*** | |
| 8.01 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppropaniet li r-rappreżentant legali tal-proġett *Archaeotur* għandu jkun is-Sindku Charles Azzopardi. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament | Tibdil tar-rappreżentant legali tal-proġett *Archaeotur* |
| **9.00** | **Approvazzjoni għat-tibdil tal-*Project Leader* tal-proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities*** | |
| 9.01 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppropaniet li l-*Project Leader* tal-proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities* għandu jkun is-Sindku Charles Azzopardi. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. | Tibdil tal-*Project Leader* tal-proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities* |
| **10.00** | **Korrispondenza** | |
| 10.01 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0438/13, 50/0385/13, 50/0426/13, 50/0542/13, 50/409/13** is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva diversi talbiet għal rimbors ta' ħsarat li ġew ikkawżati fuq *tyres* ta' vetturi b'konsegwenza ta' ħofor fir-toroq.<br><br>Wara li l-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet, il-Kunsill iddeċieda unanimament li dawn ma jiġux milqugħa. | Ħsarat fuq 'tyres' tal-karozzi |
| 10.02 | Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn TCTC fejn qed joffru korsijiet tal-kompjuter għat-tfal bl-isem 'iKIDS'. Wara diskussjoni dwar dan, il-Kunsill qabel unanimament li bħal kull sena joffri dawn il-korsijiet lit-tfal Rabtin, bil-kundizzjonijiet imniżżla fid-dokument **50/0272/13.** | Korsijiet tal-kompjuter 'iKIDS' |
| 10.03 | B'riferenza għall-korrispondenza numru **50/0339/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fi Triq Misraħ Suffara. | Installazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq Misraħ Suffara |

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

**11.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru A26 u A27**

11.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A26 u A27 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija A26 u A27

**12.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Virtù – Seduta numru A28 u A29**

12.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A28 u A29 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù A28 u A29

**13.00 Materji Oħra**

13.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Għaqda Ħbieb tal-Kompjuter talbu lill-Kunsill jekk hux possibbli li jagħmlu użu mill-uffiċini tal-Kunsill għal-laqgħat tagħhom. Il-Kunsill qabel li din l-għaqda tagħmel użu mill-uffiċini però dan għandu jsir fil-ħinijiet tal-uffiċċju. Talba Għadqa Ħbieb tal-Kompjuter

13.02 Is-Sindku ppropona li jsir *resurfacing* ta' Sqaq fi Triq il-Ġarġir. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel li ssir stima ta' dan ix-xogħol u tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. *Resurfacing* ta' Sqaq fi Triq il-Ġarġir

13.03 Is-Sindku ppropona li jsir *extensive patching* ġo Triq Count Roger quddiem bieb nru 44. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi saħaq dwar il-bżonn li l-*extensive patching* isir sat-tarf tat-triq. Il-Kunsillier Nazju Casar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel li ssir stima ta' dan ix-xogħol u tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. *Extensive patching* ġo Triq Count Roger

13.04 Is-Sindku ppropona li jsir *extensive patching* fix-xhur li ġejjin f'dawn it-toroq: Xogħlijiet infrastrutturali f'diversi toroq

Wied Rini (ħdejn tal-Go)
Triq Misraħ Suffara (Ħdejn il-Palazz u ħdejn il-Barriera)
Tal-Ħamri (il-parti li tagħmel mar-Rabat)
Tas-Salib (qabel tikser għall-Għemieri)
Il-Fiddien
Id-Dwejra
Ġebel Għomor (fejn l-iskola l-antika)
Triq il-Gwiedi
Triq tal-Imtaħleb

Il-Kunsill qabel li tintalab stima għal dawn ix-xogħlijiet u tiġi preżentata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

| | | |
|---|---|---|
| 13.05 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jsir *extensive patching* ġo Triq il-Kulleġġ quddiem Pulo. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima tax-xogħol u tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill li jmiss. | *Extensive patching* ġo Triq il-Kulleġġ |
| 13.06 | Il-Kunsillier Andrew Mallia qal li hemm tappira miżduda ġo Triq Ħal Bajjada quddiem bieb nru 52. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech infurmaw il-laqgħa li l-imsemmija tappira kienet infetħet. | Tappira miżduda ġo Triq Ħal Bajjada |
| 13.07 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Franco Mercieca sabiex flimkien miegħu jiġi diskuss x' għajnuna jista' jingħata l-Kunsill għad-*Day Centre*. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Franco Mercieca |
| 13.08 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro qalet li hemm problema fil-*wires* tal-bozza (fuq arblu) ta' Triq Old Doni taħt il-Ġnien ta' Bir Iljun. | Bozza maqtugħa Triq Old Doni |
| 13.09 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jiġi rranġat kaptell imkisser li hemm ġo Triq San Pawl, Sqaq Nru 1. | Kaptell imkisser Triq San Pawl Sqaq Nru 1. |
| 13.10 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jsiru l-*parking bays* ġo Triq il-Lellux. Il-Kunsill qabel li issir talba lil TM. | *Parking bays* ġo Triq il-Lellux |
| 13.11 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jinqata' l-ħaxix tas-*central strip* li hemm ġo Triq San Piju V. | Jinqata' l-ħaxix tas-*central strip* li hemm ġo Triq San Piju V |
| 13.12 | Il-Kunsillier Stephen Borg talab li l-*Loading/Unloading bay* li hemm fi Triq il-Kulleġġ ħdejn iċ-*Chef Choice* titla' aktar 'il fuq minħabba li hemmek it-triq titwessa'. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM. | *Loading/Unloading bay* ta' Triq il-Kulleġġ |
| 13.13 | Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi sabiex flimkien miegħu jiġi diskuss it-tkomplja tax-xogħlijet infrastrutturali ta' Vjal il-Ħaddiem u Triq Ħad-Dingli. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għal laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi |
| 13.14 | Il-Kunsill Nazju Cassar talab li ġo Triq Lawrenti jsiru xi *traffic calmers*. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM. | *Traffic Calmers* ġo Triq Lawrenti |
| 13.14 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo sabiex flimkien miegħu jiġi diskuss x'għajnuna jista' jingħata l-Kunsill dwar organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi organizzati mil-Kunsill. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. | Talba għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo |

**14.00 Data tas-seduta li jmiss**

| | | |
|---|---|---|
| 14.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |

14.02 Il-laqgħa ntemmet fil-9.37 ta' filgħaxija

Minuti approvati llum it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**